Imħallfin:
10 ta' Diċembru, 1951.
Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Nobbli Tabib Dr. Angelo Attard Montalto**

*versus*

**Nobbli Avukat Dr. Giuseppe Attard Montalto**

**Komunjoni — Amministrazzjoni —**
**Art. 581 (1) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Meta l-konsorti li jippossjedu beni in komun ma jaqblux dwar l-amministrazzjoni ta' dawk il-beni komuni hemm lok għan-nomina ta' amministratur ta' dawk il-beni.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (N'ru. 370/51), li bih l-attur, wara li jinghalaw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, u wara li ppremetta illi l-kontendenti jippossjedu in komun beni u sostanzi li ġejjin mill-wirt tal-ġenituri tagħhom, tal-Barunissa Angiolina Attard Montalto u żewġha, in-nanniet tagħhom, kif ukoll beni u sustanzi oħra komuni bejniethom, speċifikati fil-listi hawn eżibiti, u dawk kollha li jirriżultaw fit-trattazzjoni tal-kawża; u illi bejn il-kontendenti ma hemmx ftehim, anzi hemm diversi kwistjonijiet dwar l-amministrazzjoni u l-aħjar tgawdija ta' dawk il-beni u sostanzi; talab li dik il-Qorti tinnomina amministratur tal-ġid komuni, u tagħti l-provvedimenti kollha meħtieġa skond il-liġi. B'riżerva ta' drittijiet oħra u bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-27 ta' Ġunju 1951, fejn dik il-Qorti ddeċidiet adeżivament għat-talba ta' l-attur, fis-sens li innominat bħala amministratur tal-beni fuq imsemmijin lil John Fleri, bil-fakoltajiet kollha neċessarji u opportuni. L-inkariku tiegħu għandu jibqa' sakemm jingħata provvediment ieħor minn dik il-Qorti, jew sakemm issir id-diviżjoni finali ta' l-istess beni bejn il-kontendenti; wara li kkunsidrat:

Illi mhux kontrastat li l-kontendenti għandhom flimkien u in komun il-beni indikati............. Jidher li sa issa

kull wieħed mill-kontendenti qiegħed jinkassa, direttament jew per mezz ta' persuna minnu stess nominata, il-kwota tiegħu tar-renti mill-biċċa l-kbira ta' dawn il-beni. Però, kif jammetti l-istess konvenut fid-dikjarazzjoni tiegħu, hemm beni oħra bejnu u bejn l-attur li għadhom "pro indiviso" u li qiegħed jamministrahom il-konvenut waħdu, naturalment bil-kunsens li kien tah l-attur;

Illi hu fatt li l-beni kollha fuq imsemmija huma posseduti mill-kontendenti "pro indiviso";

Illi għad li ma giex pruvat b'mod soddisfaċenti li l-konvenut, b'rigward tal-beni li qiegħed jamministra, qiegħed jeżegwixxi din l-amministrazzjoni ħażin, jew li qiegħed b'xi mod ifixkel jew jagħmel xi ħaġa bi preġudizzju ta' l-attur, huwa fatt li dan, tajjeb jew ħażin, ma għandux fiduċja fil-konvenut, b'mod li kull ħaġa li jagħmel il-konvenut, għalkemm fil-ħsieb ta' dan, forsi wkoll fil-fatt, tkun vantaġġjuża għall-attur, dan qiegħed jaraha ta' detriment għall-interessi tiegħu;

Illi la darba hemm dan in-nuqqas ta' fiduċja u ta' ftehim bejn il-kontendenti, ma jibqax li jsir ħaġ'oħra ħlief dak li jiddisponi l-liġi fl-art. 531 (1) tal-Kodiċi Ċivili; u dan sabiex tiġi amministrata u gawduta aħjar il-ħaġa komuni, mingħajr ebda ħsieb ta' preokkupazzjoni ta' kull wieħed mill-kompossessuri;

Rat in-nota ta' l-appell u l-petizzjoni tal-konvenut, fejn talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza, billi jiġu miċħuda t-talbiet ta' l-attur;

*Omissis;*

Ikkonstatat li l-*kontendenti għandhom beni in komun* u li ma jaqblux fuq l-amministrazzjoni ta' dawn il-beni; u għalhekk l-Ewwel Qorti għamlet sewwa meta applikat id-dispost ta' l-art. 531 (1) tal-Kodiċi Ċivili;

Għal dawn ir-raġunijiet tiċħad l-appell tal-konvenut u tikkonferma s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti; bl-ispejjeż kontra l-appellant.